# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 28 ta' Settembru 2016

Rikors Guramentat Nru. 68 / 16RGM

Kawza fil-lista: 17

**A B**
**vs**
**L-Avukat Victor Bugeja u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-belt ta' Moska fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elf disgha mija, sitta u tmenin (1986), mill-liema zwieg kellhom tlett (3) itfal li tnejn minnhom huma maggorenni, waqt li t-tielet wild ghandu sbatax (17)-il sena stante li twieled fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (1998);

2. Illi l-kontendenti ddivorzjaw permezz ta' sentenza tad-divorzju moghtija mill-Qorti tad-Distrett bin-Numru 268 Yuzhnoportovy District, fil-belt ta' Moska fl-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u hdax (2011);

3. Illi l-kontendenti regghu rrikonciljaw ghal perjodu qasir wara s-sentenza tad-divorzju suriferita;

4.	Illi fl-erbgha u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) twieldet it-tarbija li jisimha Ba Polina Yurievna, liema tifla illum il-gurnata ghandha erbgha (4) snin;

5.	Illi l-imsemmija tarbija twieldet wara kuntratt ma' omm surroga liema omm surroga irrinunzjat ghall kull dritt taghha u b'hekk l-intimata dehret fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri minkejja li m'hemm l-ebda vinkolu genetiku bejnha u bejn il-minuri, mentri r-rikorrenti huwa l-missier bijologiku tal-minuri;

6.	Illi matul hajjitha kollha, il-minuri Ba Polina Yurievna, dejjem abitat mal-esponenti kemm fil-Federazzjoni Russa kif ukoll fi Spanja fix-xhur tas-Sajf; f'liema proprjeta fi Spanja l-intimata C D Viktorovna ghamlet kuntatt mal-minuri Ba Polina Yurievna fix-xhur tas-Sajf. L-intimata C D Viktorovna ghamlet ukoll kuntatt sporadiku mal-minuri fil-Federazzjoni Russa izda ghexet mal-minuri biss fl-ewwel xhur ta' hajjet il-minuri. L-ahhar kuntatt li ghamlet l-intimata mal-minuri kien f'Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015);

7.	Illi l-esponenti stabilixxa ir-residenza abitwali tieghu f' Malta f'Lulju tassenja elfejn u hmistax (2015) u inghata permess temporanju ta' residenza ghalih u ghall-minuri Ba Polina fl-erbgha (4) ta' Awwissu tas-sena elfejn u hmistax (2015);

8.	Illi matul ix-xhur li l-minuri Ba Polina ilha tabita f'Malta flimkien ma' missierha l-esponenti, hija bdiet tattendi skola gewwa l-Mosta u cjoe l-QSI International School of Malta u giet irregistrata ukoll fi skejjel privati sabiex tibda tattendi f'Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) hekk kif gie ssuggeriet mill-Kapijiet ta' dawn l-iskejjel privati;

9.	Illi l-intimata ma hix qieghda tiehu ebda sehem fit-trobbija tal-minuri minbarra l-fatt li tghix barra minn Malta;

10.	Illi minkejja li l-esponenti qieghed irabbi lil-minuri Ba Polina wahdu f'Malta, il-kura u kustodja tal-istess minuri hija wahda kongunta mal-intimata stante li kienet giet registrata bhala l-omm legali tal-minuri fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri ghad li mhijiex l-omm naturali;

11.	Illi l-esponenti jrid jiffirma dokumenti ufficjali u jiehu decizjonijiet fir-rigward tal-minuri Ba Polina wahdu u ghalhekk qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex il-kura u l-kustodja tal-minuri Ba Polina tigi fdata lill-esponenti;

12.	Illi peress li l-intimata ma tghix fMalta din l-Onorabbli Qorti hatret lill-konvenuti bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-C D E permezz tad-digriet tal-15 ta' Marzu 2016;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni :

1. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri Ba Polina li twieldet fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) f'idejn 1-esponenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors guramentat tal-attur;

Rat ir-Risposta tal-Kuraturi Deputati pprezentata fl-20 ta' April 2016, li permezz taghha eccipew illi huma gew notifikati bl-atti ta' dan ir-rikors izda jiddikjaraw illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrizervaw illi jwiegbu ulterjorment fi stadju iehor jekk ikun il-kaz.

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' April 2016, li permezz tieghu fuq talba tal-attur, fdat il-kura u l-kustodja *pendente lite* tal-minuri Ba Polina lill-esponenti in kwantu fl-interess tal-istess minuri.

Rat in-nota tal-attur datata 12 ta' Mejju 2016, li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess, Dok YS, kif ukoll traduzzjoni tal-istess affidavit ghall-lingwa Ingliza, annessa u mmarkatha Dok TA.

Rat in-nota ta' Dr Victor Bugeja et datata 16 ta' Mejju 2016, li permezz taghha intavolaw kopja ta' ittra mibghuta lil patrocinata taghhom fl-indirizz provdut lilhom mill-Avukat Daniela Bonanno.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**PROVI**

L-attur jixhed bil-mezz tal-affidavit u jghid inter alia, illi huwa zzewweg lill-intimata fil-25 ta' Jannar 1986 gewwa Moska. Huma damu mizzewgin 30 sena u kellhom tlett itfal, li ghandhom 28, 24 u 17 sena. Huma ddivorzjaw fl-2011 permezz ta' sentenza ta' divorzju datata 1 ta' Jannar 2011, u ghexu l-boghod ghal numru ta' snin, ghalkemm ibnu z-zghir kien jghix mieghu matul dawn is-snin.

Jghid li ftit wara fis-sena 2011, huma rrikonciljaw u f'dan il-perijodu huwa xtaq wild iehor. Dan ma kienx possibbli ghal martu u ghalhekk ikkonkludew ftehim

ma' omm surrogata, li welldet tifla li hija biologikament tieghu izda mhux ta' martu. L-omm surrogata rrinunzjat ghad-drittijiet taghha fuq it-tifla, u l-imsemmija tifla Polina twieldet fl-24 ta' Jannar 2012. Id-dettalji taz-zewg partijiet tnizzlu fuq ic-certifikat tat-twelid ta' Polina bhal dawk ta' hutha.

Jghid li madwar tliet xhur wara li twieldet it-tifla, il-partijiet regghu infirdu u hu rrealizza li martu kienet qed tpoggi l-karriera taghha bhala priorita`. Jghid li hija *businesswoman* ta' success fir-Russja u x-xoghol taghha jirrikjedi hafna vjaggar. Jghid li wara li telqet, hi kienet tmur tara lil Polina b'mod irregolari, u qatt ma kienet iccempel biex issaqsi dwarha Jghid li kien biss fis-Sajf li kienet tmur tara lil Polina gewwa d-dar taghhom fi Spanja u tilghab maghha. Imbaghad kienet terga` tibda bl-ivvjaggar u ma kienux jisimgha izjed minghandha. Jghid li kien ikun hu li kien icempel biex jghidilha dwar l-izviluppi ta' Polina.

Jghid li f'Lulju li ghadda ddecieda li jirtira gewwa Malta, u f'Settembru huwa gie jghix Malta flimkien ma' Polina u l-istaff tieghu. Huwa kera villa gewwa l-Mosta u rregistra lil Polina gewwa skola ghal studenti barranin. Jghid li peress illi riedet titghallem tizfen huwa kitibha gewwa dik li qalulu hi wahda mill-aqwa skejjel gewwa Malta. Jghid li t-tifla hija kuntenta hafna gewwa Malta u huwa mghejun minn nanny, maid u kok sabiex il-bzonnijiet kollha taghha jigu sodisfatti. Jghid li huwa qieghed ukoll jiehu lezzjonijiet tas-sewqan sabiex jitghallem isuq fuq ix-xellug u jkun jista` jwassal lil Polina l-iskola, kif ukoll lezzjoniiet tal-Ingliz gewwa l-EC Language School sabiex ikun jista` jghin lil Polina bl-Ingliz u jikkomunika mal-ghalliema u t-tobba meta jkun hemm bzonn.

Jghid li l-ahhar li kellem lil martu kien izjed minn sitt xhur ilu meta cemplilha hu stess u lanqas biss staqsietu kif kienet Polina. Jghid illi qaltu wkoll li bdiet tikkoabita ma' ragel iehor u staqsietu biex ma jtellifiex izjed. Jghid li wara dan jahseb li bidlet in-numru tat-telefon.

Jghid li fetah dawn il-proceduri ghaliex wara tmien xhur, Polina tidher kuntenta u qed tghix hajja stabbli, komda u b'sahhitha. Huwa ltaqa` ma' xi problemi sabiex jiffirma dokumenti ufficjali, assigurazzjoni medika ghal Polina u registrazzjoni ghal skejjel privati u peress illi huwa l-unika persuna li jiehu hsiebha, jixtieq ikollu ll-kura u l-kustodja esklussiva taghha.

**Ikkunsidrat:**

In tema legali jinghad illi l-kura u l-edukazzjoni tat-tfal, f'kaz li l-genituri ma jibqghux jghixu flimkien, trid dejjem tigi affidata lil dak, fost il-genituri, li jigi rikonoxxut bhala l-aktar adatt u idoneju sabiex jikkurahom u jedukahom, tenut kont ta' l-eta` ta' l-istess tfal u c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-

tfal in generali, il-principju dominanti li jiddetermina normalment u generalment kwistjonijiet bhal dawn, huwa dak ta’ l-aktar utilita' u dak ta’ l-aqwa vantagg u nteress ta’ l-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u fattwali li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi deciz. [vide fost ohrajn PA **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna** 27/11/2003 u PA **Lourdes Magro vs Carmelo Bonnett** 11/12/2003]

Fil-kaz odjern, jirrizulta mix-xhieda tal-attur illi, tista` tghid mit-twelid, kien hu il-*primary carer* tal-minuri. Jirrizulta li ftit xhur wara t-twelid tal-minuri, l-partijiet regghu hadu t-triq separata taghhom, u l-minuri baqghet dejjem mal-attur. Skont l-attur, il-konvenuta turi nuqqas ta' interess lejn binthom, ilha xhur ma taraha, u l-ahhar li kellimha telefonikament qaltlu li ghandha relazzjoni ma' ragel iehor u staqsietu biex ma jergax icempel.

Mill-banda l-ohra, mill-kwadru tal-fatti esposti mill-attur, il-minuri hija kuntenta mieghu u ghandha hajja stabbli gewwa Malta. Huwa jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha taghha, izda gieli jiltaqa` ma' xi problemi meta jigi biex jiffirma dokumenti ufficjali jew jiehu decizjonijiet importanti ghal hajjet it-tifla. Jidher li hi ghal din ir-raguni li jhoss il-bzonn illi jkollu ufficjalment il-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri.

Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi, li jkun tassew fl-ahjar interess tal-minuri Polina Ba, imwielda fil-24 ta' Jannar 2012, illi l-kura u l-kustodja taghha tigi fdata esklussivament lil missierha l-attur.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti qed taqta` u tiddeciedi l-kawza billi tilqa` t-talba tal-attur u tafda esklussivament f'idejn A B, missier il-minuri, l-kura u l-kustodja tal-minuri Ba Polina, li twieldet fl-24 ta' Jannar 2012.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet hlief ghall-ispejjez tal-kuraturi deputati li ghandhom jithallsu mill-attur.

**Imhallef** **Deputat Registratur**